| 0250 | **RISKJU SPEĊIFIKU**<br>Is-somma tal-ammonti rapportati fir-ringieli 0251, 0325 u 0330.<br>Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjati soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi tal-kapital ta' riskju u r-rekwiżiti ta' kapital korrispondenti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 92(3), il-punt (b), l-Artikolu 335, l-Artikolu 336(1), (2) u (3), u l-Artikoli 337 u 338 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Kun af ukoll bl-aħħar sentenza fl-Artikolu 327(1) ta' dak ir-Regolament. |
| 0251-0321 | **Rekwiżit ta' fondi proprji għall-istrumenti ta' dejn mhux ta' titolizzazzjoni**<br>Is-somma tal-ammonti rrapportati fir-ringieli 260 sa 321.<br>Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tad-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti li mhumiex klassifikati b'mod estern għandu jiġi kkalkolat billi jingħaddu l-ponderazzjonijiet tar-riskju tal-entitajiet ta' referenza (l-Artikolu 332(1), il-punt (e) u l-Artikolu 332(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 – "trasparenza"). Derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti li huma klassifikati b'mod estern (l-Artikolu 332(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) għandhom jiġu rapportati b'mod separat fir-ringiela 321.<br>Rapportar ta' pożizzjonijiet soġġetti għall-Artikolu 336(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: Hemm trattament speċjali għal bonds kwalifikanti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 10 % fil-portafoll bankarju f'konformità mal-Artikolu 129(3) ta' dak ir-Regolament (bonds koperti). Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji għandhom ikunu nofs il-persentaġġ tat-tieni kategorija msemmija fl-Artikolu 336, it-Tabella 1 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawk il-pożizzjonijiet għandhom jiġu assenjati għar-ringieli 0280-0300 f'konformità mat-terminu residwu għall-maturità finali.<br>Meta r-riskju ġenerali tal-pożizzjonijiet tar-rata tal-imgħax ikun iħħeġġjat minn derivattiv ta' kreditu, għandhom japplikaw l-Artikoli 346 u 347 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0325 | **Rekwiżit ta' fondi proprji għal strumenti ta' titolizzazzjoni**<br>Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali rapportati fil-kolonna 0601 tal-formola MKR SA SEC. Dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għandhom jiġu rapportati biss fil-livell Totali tal-MKR SA TDI. |
| 0330 | **Rekwiżit ta' fondi proprji għall-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni**<br>Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali rapportati fil-kolonna 0450 tal-formola MKR SA PNK. Dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għandhom jiġu rrapportati biss fil-Livell totali tal-MKR SA TDI. |
| 0350-0390 | **REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)**<br>L-Artikolu 329(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta għandhom ikunu rrapportati diżaggregati skont il-metodu użat għall-kalkolu tagħhom. |

3. C 19.00 - RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAL RISKJU SPEĊIFIKU F'TITOLIZZAZZJONIJIET (MKR SA SEC)

3.1. Kummenti Ġenerali

12. Din il-formola titlob informazzjoni dwar pożizzjonijiet (kollha/netti u twal/qosra) u r-rekwiżiti relatati ta' fondi proprji għall-komponent tar-riskju speċifiku tar-riskju ta' pożizzjoni f'titolizzazzjonijiet/rititolizzazzjonijiet miżmuma fil-portafoll tan-negozjar (mhux eliġibbli għal portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni) bl-Approċċ Standardizzat.

13. Il-formola MKR SA SEC tippreżenta r-rekwiżit ta' fondi proprji biss għar-riskju speċifiku ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 335 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'rabta mal-Artikolu 337 ta' dak ir-Regolament. Meta l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tal-portafoll tan-negozjar ikunu ħħeġġjati minn derivattivi ta' kreditu, japplikaw l-Artikoli 346 u 347 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Hemm biss formola waħda għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar, irrispettivament mill-approċċ li d-ditti ta' investiment japplikaw biex tiġi determinata l-ponderazzjoni tar-riskju għal kull waħda mill-pożizzjonijiet f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-riskju ġenerali ta' dawk il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati fil-formola MKR SA TDI jew MKR IM.

14. Alternattivament, il-pożizzjonijiet li jirċievu ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % jistgħu jitnaqqsu mill-kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni (ara l-Artikolu 244(1), il-punt (b), l-Artikolu 245(1), il-punt (b), u l-Artikolu 253 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013). Dawk il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'din il-formola, anki jekk l-istituzzjoni tagħmel użu mill-possibbiltà li tnaqqas.

3.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | |
|---|---|
| 0010-0020 | **IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 flimkien mal-Artikolu 337 ta' dak ir-Regolament (pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni). Rigward id-distinzjoni bejn pożizzjonijiet twal u qosra, applikabbli wkoll għal dawk il-pożizzjonijiet grossi, ara l-Artikolu 328 (2) ta' dak ir-Regolament. |
| 0030-0040 | **(-) POŻIZZJONIJIET IMNAQQSIN MINN FONDI PROPRJI (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikolu 244(1), il-punt (b), l-Artikolu 245(1), il-punt (b) u l-Artikolu 253 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0050-0060 | **POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikoli 327, 328, 329 u 334 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Rigward id-distinzjoni bejn Pożizzjonijiet twal u qosra ara l-Artikolu 328 (2) ta' dak ir-Regolament. |
| 0061-0104 | **DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT IL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU**<br>L-Artikoli 259 sa 262, l-Artikolu 263, it-Tabelli 1 u 2, l-Artikolu 264, it-Tabelli 3 u 4 u l-Artikolu 266 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Id-diżaggregazzjoni għandha ssir b'mod separat għal pożizzjonijiet twal u dawk qosra. |
| 0402-0406 | **DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT L-APPROĊĊI**<br>L-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0402 | **SEC-IRBA**<br>L-Artikoli 259 u 260 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0403 | **SEC-SA**<br>L-Artikolu 261 u 262 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0404 | **SEC-IRBA**<br>L-Artikolu 263 u 264 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0405 | **APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA**<br>L-Artikoli 254 u 265 u l-Artikolu 266(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0900 | **TRATTAMENT SPEĊIFIKU GĦAL SEGMENTI SUPERJURI TA' TITOLIZZAZZJONIJIET NPE KWALIFIKANTI**<br>L-Artikolu 269a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0406 | **OĦRAJN (RW=1 250 %)**<br>L-Artikolu 254(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0530-0540 | **EFFETT ĠENERALI (AĠĠUSTAMENT) DOVUT GĦAL KSUR TAL-KAPITOLU 2 TAR-REGOLAMENT (UE) 2017/2402**<br>L-Artikolu 270a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0570 | **QABEL IL-LIMITU MASSIMU**<br>L-Artikolu 337 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bla ma titqies id-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 335 ta' dak ir-Regolament li tippermetti li istituzzjoni timponi limitu massimu fuq il-prodott tal-ponderazzjoni u l-pożizzjoni netta fil-livell tat-telf massimu possibbli relatat mar-riskju ta' inadempjenza. |
| 0601 | **WARA L-LIMITU/REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI TOTALI**<br>L-Artikolu 337 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li titqies id-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 335 ta' dak ir-Regolament. |

| Ringieli | |
|---|---|
| 0010 | **SKOPERTURI TOTALI**<br>L-ammont totali ta' titolizzazzjonijiet u rititolizzazzjonijiet pendenti (miżmumin fil-portafoll tan-negozjar) rrapportat mill-istituzzjoni li għandha r-rwol ta' oriġinatur jew investitur jew sponsor. |
| 0040, 0070 u 0100 | **POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (62) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0020, 0050, 0080 u 0110 | **POŻIZZJONIJIET TA' RITITOLIZZAZZJONI**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (64), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0041, 0071 u 0101 | **LI MINNHOM: LI JIKKWALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT TAL-KAPITAL DIFFERENZJAT**<br>L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 jew l-Artikolu 270 tar-Regolament (UE) 575/2013 u għaldaqstant jikkwalifikaw għal trattament tal-kapital differenzjat. |
| 0030-0050 | **ORIĠINATUR**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (13), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0060-0080 | **INVESTITUR**<br>Istituzzjoni ta' kreditu li jkollha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li fiha la hija oriġinatur, la sponsor u lanqas mutwant oriġinali. |
| 0090-0110 | **SPONSOR**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (14), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Sponsor li jittitolizza wkoll l-assi tiegħu stess għandu jimla r-ringieli tal-oriġinatur bl-informazzjoni rigward l-assi titolizzati tiegħu stess. |

4. C 20.00 - RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAL RISKJU SPEĊIFIKU GĦAL POŻIZZJONIJIET ASSENJATI GĦALL-PORTAFOLL TA' NEGOZJAR TA' KORRELAZZJONI (MKR SA PNK)

4.1. Kummenti Ġenerali

15. Din il-formola teħtieġ informazzjoni dwar pożizzjonijiet tal-Portafoll ta' Negozjar ta' Korrelazzjoni (PNK) (inklużi titolizzazzjonijiet, derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti u pożizzjonijiet PNK oħrajn inklużi f'konformità mal-Artikolu 338(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) u r-rekwiżiti ta' fondi proprji korrispondenti skont l-Approċċ Standardizzat.

16. Il-formola MKR SA PNK tippreżenta r-rekwiżit ta' fondi proprji biss għar-riskju speċifiku ta' pożizzjonijiet assenjati fil-PNK f'konformità mal-Artikolu 335 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'rabta mal-Artikolu 338(2) u (3) ta' dak ir-Regolament. Jekk il-pożizzjonijiet PNK tal-portafoll tan-negozjar ikunu ħeġġjati minn derivattivi ta' kreditu, japplikaw l-Artikoli 346 u 347 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Hemm biss formola waħda għall-pożizzjonijiet PNK kollha tal-portafoll tan-negozjar, irrispettivament mill-approċċ li l-istituzzjonijiet japplikaw biex tiġi determinata l-ponderazzjoni tar-riskju għal kull waħda mill-pożizzjonijiet f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Ir-rapportar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali ta' dawk il-pożizzjonijiet isir fil-formola MKR SA TDI jew MKR IM.

17. Din il-formola tissepara l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, id-derivattiv ta' kreditu n-eżmu inadempjenti u pożizzjonijiet oħrajn tal-PNK. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom dejjem ikunu rrapportati fir-ringieli 0030, 0060 jew 0090 (skont ir-rwol tal-istituzzjoni fit-titolizzazzjoni). Id-derivattiv ta' kreditu n-eżmu inadempjenti dejjem għandhom ikunu rrapportati fir-ringiela 0110. Il-"pożizzjonijiet PNK oħrajn" huma pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti (ara l-Artikolu 338(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013), iżda huma espliċitament "marbuta" ma' waħda minn dawk iż-żewġ pożizzjonijiet (minħabba l-intenzjoni ta' ħeġġjar).

18. Alternattivament, il-pożizzjonijiet li jirċievu ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % jistgħu jitnaqqsu mill-kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni (ara l-Artikolu 244(1), il-punt (b), l-Artikolu 245(1), il-punt (b), u l-Artikolu 253 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013). Dawk il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati f'din il-formola, anki jekk l-istituzzjoni tagħmel użu mill-possibbiltà li tnaqqas.

4.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | |
|---|---|
| 0010-0020 | **IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 flimkien mal-Artikolu 338(2) u (3) ta' dak ir-Regolament (il-pożizzjonijiet assenjati għall-Portafoll tan-Negozjar ta' Korrelazzjoni)<br>Rigward id-distinzjoni bejn pożizzjonijiet twal u qosra, applikabbli wkoll għal dawn il-pożizzjonijiet grossi, ara l-Artikolu 328(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0030-0040 | **(-) POŻIZZJONIJIET IMNAQQSIN MINN FONDI PROPRJI (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikolu 253 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0050-0060 | **POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikoli 327, 328, 329 u 334 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Rigward id-distinzjoni bejn Pożizzjonijiet twal u qosra ara l-Artikolu 328(2) ta' dak ir-Regolament. |
| 0071-0097 | **DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT IL-PONDERAZZJONI TAR-RISKJU**<br>L-Artikoli 259 sa 262, l-Artikolu 263, it-Tabelli 1 u 2, l-Artikolu 264, it-Tabelli 3 u 4 u l-Artikolu 266 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0402-0406 | **DIŻAGGREGAZZJONI TAL-POŻIZZJONIJIET NETTI SKONT L-APPROĊĊI**<br>L-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0402 | **SEC-IRBA**<br>L-Artikoli 259 u 260 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0403 | **SEC-SA**<br>L-Artikoli 261 u 262 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0404 | **SEC-IRBA**<br>L-Artikoli 263 u 264 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0405 | **APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA**<br>L-Artikoli 254 u 265 u l-Artikolu 266(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0900 | **TRATTAMENT SPEĊIFIKU GĦAL SEGMENTI SUPERJURI TA' TITOLIZZAZZJONIJIET NPE KWALIFIKANTI**<br>L-Artikolu 269a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0406 | **OĦRAJN (RW=1 250 %)**<br>L-Artikolu 254(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0410-0420 | **QABEL IL-LIMITU MASSIMU - POŻIZZJONIJIET PONDERATI NETTI TWAL / QOSRA**<br>L-Artikolu 338 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, mingħajr ma titqies id-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 ta' dak ir-Regolament |
| 0430-0440 | **WARA L-LIMITU MASSIMU - POŻIZZJONIJIET PONDERATI NETTI TWAL / QOSRA**<br>L-Artikolu 338 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li titqies id-diskrezzjoni tal-Artikolu 335 ta' dak ir-Regolament |
| 0450 | **REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI TOTALI**<br>Ir-rekwiżit ta' fondi proprji huwa ddeterminat bħala l-akbar wieħed minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:<br>(a) l-allokazzjoni għar-riskju speċifiku li tkun tapplika biss għall-pożizzjonijiet twal netti (il-kolonna 0430);<br>(b) l-allokazzjoni għar-riskju speċifiku li tkun tapplika biss għall-pożizzjonijiet qosra netti (il-kolonna 0440). |

| Ringieli | |
|---|---|
| 0010 | **SKOPERTURI TOTALI**<br>L-ammont totali ta' pożizzjonijiet pendenti (miżmumin fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni) rrapportat mill-istituzzjoni li għandha r-rwol ta' oriġinatur, investitur jew sponsor. |
| 0020-0040 | **ORIĠINATUR**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (13), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |

| | |
|---|---|
| 0050-0070 | **INVESTITUR**<br>Istituzzjoni ta' kreditu li jkollha pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li fiha la hija oriġinatur, la sponsor u lanqas mutwant oriġinali |
| 0080-0100 | **SPONSOR**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (14), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Sponsor li jittitolizza wkoll l-assi tiegħu stess għandu jimla r-ringieli tal-oriġinatur bl-informazzjoni rigward l-assi titolizzati tiegħu stess. |
| 0030, 0060 u 0090 | **POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI**<br>Il-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni għandu jinkludi titolizzazzjonijiet, derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti u possibbilment pożizzjonijiet oħrajn ta' ħheġġjar li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 338(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Id-derivattivi ta' skoperturi titolizzati li jipprovdu sehem pro rata kif ukoll pożizzjonijiet li jiħheġġjaw pożizzjonijiet PNK għandhom jiġu inklużi fir-ringiela "Pożizzjonijiet PNK oħrajn". |
| 0110 | **DERIVATTIVI TAL-KREDITU N-EŻMU INADEMPJENTI**<br>Id-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti li huma ħheġġjati b'derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 347 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu rapportati hawn it-tnejn li huma.<br>L-oriġinatur, l-investitur u l-isponsor tal-pożizzjonijiet mhumiex idonei għad-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti. Bħala konsegwenza, id-diżaggregazzjoni għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ma għandhiex tkun prevista għad-derivattiv ta' kreditu n-eżmu inadempjenti. |
| 0040, 0070, 0100 u 0120 | **POŻIZZJONIJIET PNK OĦRAJN**<br>Il-pożizzjonijiet li ġejjin huma inklużi:<br>a) derivattivi ta' skoperturi tat-titolizzazzjoni li jipprovdu sehem pro rata kif ukoll pożizzjonijiet li jiħheġġjaw pożizzjonijiet PNK;<br>b) pożizzjonijiet PNK iħheġġjati b'derivattivi ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 346 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>c) pożizzjonijiet oħrajn li jissodisfaw l-Artikolu 338(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

5. C 21.00 - RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU TA' POŻIZZJONI F'EKWITAJIET (MKR SA EQU)

5.1. Kummenti Ġenerali

19. Din il-formola teħtieġ informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji għar-riskju ta' pożizzjoni f'ekwitajiet miżmumin fil-portafoll tan-negozjar u trattati bl-Approċċ Standardizzat.

20. Din il-formola għandha timtela b'mod separat għat-"Total", flimkien ma' lista statika predefinita tas-swieq li ġejjin: Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Eġittu, l-Ungerija, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, l-Albanija, il-Ġappun, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Federazzjoni Russa, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukrajna, l-Istati Uniti tal-Amerka, iż-Żona tal-Euro flimkien ma' formola residwa waħda għas-swieq kollha l-oħrajn. Għal dan ir-rekwiżit ta' rapportar, it-terminu "suq" għandu jinqara bħala "pajjiż" (ħlief għal pajjiżi li huma parti miż-żona tal-euro, ara r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 525/2014 [1]).

5.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | |
|---|---|
| 0010-0020 | **IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikolu 102 u l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Dawk huma pożizzjonijiet grossi u mhux innettjati skont l-istrumenti, iżda jeskludu pożizzjonijiet sottoskritti jew subsottoskritti minn partijiet terzi kif imsemmi fl-Artikolu 345(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza ta' dak ir-Regolament. |

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 525/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għad-definizzjoni tas-suq (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/525/oj).

| | |
|---|---|
| 0030-0040 | **POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikoli 327, 329, 332, 341 u 345 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0050 | **POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL**<br>Dawk il-pożizzjonijiet netti li, f'konformità mal-approċċi differenti kkunsidrati fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jirċievu allokazzjoni ta' kapital. L-allokazzjoni ta' kapital għandha tiġi kkalkolata għal kull suq nazzjonali b'mod separat. Il-pożizzjonijiet f'futuri fuq l-indiċi tal-borża kif imsemmi fl-Artikolu 344(4), it-tieni sentenza tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma għandhomx jiġu inklużi f'din il-kolonna. |
| 0060 | **REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI**<br>Ir-rekwiżit ta' fondi proprji f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal kwalunkwe pożizzjoni rilevanti |
| 0070 | **SKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU**<br>L-Artikolu 92(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5. |

| Ringieli | |
|---|---|
| 0010-0130 | **EKWITAJIET FIL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR**<br>Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' pożizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 92(3), il-punt (b)(i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 3 ta' dak ir-Regolament |
| 0020-0040 | **RISKJU ĠENERALI**<br>Pożizzjonijiet f'ekwitajiet soġġetti għal riskju ġenerali (l-Artikolu 343 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) u r-rekwiżit korrispondenti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 3 ta' dak ir-Regolament<br>Iż-żewġ diżaggregazzjonijiet (ir-ringieli 0021/0022 kif ukoll ir-ringieli 0030/0040) huma diżaggregazzjoni relatata mal-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal riskju ġenerali.<br>Ir-ringieli 0021 u 0022 jitolbu informazzjoni dwar id-diżaggregazzjoni skont l-istrumenti.<br>Hija biss id-diżaggregazzjoni fir-ringieli 0030 u 0040 li għandha tintuża bħala bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. |
| 0021 | **Derivattivi**<br>Id-derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju ta' ekwità tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar li jqisu l-Artikoli 329 u 332 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta applikabbli |
| 0022 | **Assi u obbligazzjonijiet oħra**<br>Strumenti oħrajn għajr id-derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju ta' ekwità ta' pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar. |
| 0030 | **Futuri fuq l-indiċi tal-borża negozjati fil-borża diversifikati sew u soġġetti għal approċċ partikolari**<br>Futuri fuq l-indiċi tal-borża nnegozjati fil-borża diversifikati b'mod wiesa' u soġġetti għal approċċ partikolari f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 ([2])<br>Dawk il-pożizzjonijiet għandhom ikunu soġġetti biss għal riskju ġenerali u, għaldaqstant, ma għandhomx jiġu rrapportati fir-ringiela 0050. |
| 0040 | **Ekwitajiet oħrajn minbarra l-futuri fuq l-indiċi tal-borża negozjati fil-borża diversifikati sew**<br>Pożizzjonijiet oħra f'ekwitajiet soġġetti għal riskju speċifiku u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 343 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inklużi pożizzjonijiet f'futuri fuq l-indiċi tal-borża trattati f'konformità mal-Artikolu 344(3) ta' dak ir-Regolament |

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/945/oj).

| | |
|---|---|
| 0050 | **RISKJU SPEĊIFIKU**<br>Pożizzjonijiet f'ekwitajiet soġġetti għal riskju speċifiku u r-rekwiżit korrispondenti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 342 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, esklużi pożizzjonijiet f'futuri fuq l-indiċi tal-borża trattati f'konformità mal-Artikolu 344(4), it-tieni sentenza, ta' dak ir-Regolament |
| 0090-0130 | **REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)**<br>L-Artikolu 329(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta għandhom jiġu rrapportati bil-metodu użat għall-kalkolu tagħhom. |

6. C 22.00 - RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦAR-RISKJU TAL-KAMBJU (MKR SA FX)

6.1. Kummenti Ġenerali

21. Id-ditti ta' investiment għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet f'kull munita (munita tar-rapportar inkluża) u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju trattati skont l-Approċċ Standardizzat. Il-pożizzjoni għandha tiġi kkalkolata għal kull munita (inkluża l-EUR), id-deheb, u l-pożizzjonijiet għas-CIUs.

22. Ir-ringieli minn 0100 sa 0470 ta' din il-formola għandhom jiġu rrapportati, meta d-ditti tal-investiment ikollhom il-permess li jwettqu l-attività 3 jew 6 tal-Anness I, it-Taqsima A, tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), anki meta dawk id-ditti tal-investiment ma jkunux meħtieġa jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju f'konformità mal-Artikolu 351 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'dawk l-entrati ta' memorandum, il-pożizzjonijiet kollha fil-munita tar-rapportar huma inklużi fir-ringieli 0100 sa 0470, irrispettivament minn jekk humiex ikkunsidrati għall-finijiet tal-Artikolu 354 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Ir-ringieli 0130 sa 0470 tal-entrati ta' memorandum tal-formola għandhom jimtlew b'mod separat għall-muniti kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni, il-muniti GBP, USD, CHF, JPY, RUB, TRY, AUD, CAD, RSD, ALL, UAH, MKD, EGP, ARS, BRL, MXN, HKD, ICK, TWD, NZD, NOK, SGD, KRW, CNY u l-muniti kollha l-oħrajn.

6.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | |
|---|---|
| 0020-0030 | **IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U QOSRA)**<br>Il-pożizzjonijiet grossi dovuti għal assi, l-ammonti li għandhom jiġu riċevuti u entrati simili msemmija fl-Artikolu 352(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>F'konformità mal-Artikolu 352(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u soġġetti għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti, il-pożizzjonijiet meħuda sabiex jiġi ħheġġjat kontra l-effett negattiv tar-rata tal-kambju fuq il-proporzjonijiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 92(1) ta' dak ir-Regolament u pożizzjonijiet relatati ma' entrati li jkunu diġà tnaqqsu fil-kalkolu tal-fondi proprji ma għandhomx jiġu rapportati. |
| 0040-0050 | **POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U QOSRA)**<br>L-Artikolu 352(3), l-Artikolu 352(4), l-ewwel żewġ sentenzi u l-Artikolu 353 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Il-pożizzjonijiet netti jiġu kkalkolati minn kull munita f'konformità mal-Artikolu 352(1) ta' dak ir-Regolament. Konsegwentement, kemm pożizzjonijiet twal kif ukoll qosra jistgħu jiġu rrapportati fl-istess ħin. |
| 0060-0080 | **POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL**<br>L-Artikolu 352(4), it-tielet sentenza u l-Artikoli 353 u 354 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |

([3]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

| | |
|---|---|
| 0060-0070 | **POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA’ KAPITAL (TWAL U QOSRA)**<br>Il-pożizzjonijiet netti twal u qosra għal kull munita għandhom ikunu kkalkolati billi jitnaqqas it-total tal-pożizzjonijiet qosra mit-total tal-pożizzjonijiet twal.<br>Il-pożizzjonijiet netti twal għal kull operazzjoni f’munita għandhom jingħaddu flimkien biex tinkiseb il-pożizzjoni netta twila f’dik il-munita.<br>Il-pożizzjonijiet netti qosra għal kull operazzjoni f’munita għandhom jingħaddu flimkien biex tinkiseb il-pożizzjoni netta qasira f’dik il-munita.<br>Pożizzjonijiet mhux imqabblin f’muniti mhux tar-rapportar għandhom jingħaddu ma’ pożizzjonijiet soġġetti għal allokazzjonijiet ta’ kapital għal muniti oħrajn (ringiela 030) fil-kolonna 060 jew 070 skont l-arranġament qasir jew twil tagħhom. |
| 0080 | **POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA’ KAPITAL (IMQABBLIN)**<br>Pożizzjonijiet imqabblin għal muniti korrelatati mill-qrib. |
| 0090 | **REKWIŻITI TA’ FONDI PROPRJI**<br>L-allokazzjoni ta’ kapital għal kwalunkwe pożizzjoni rilevanti f’konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0100 | **SKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU**<br>L-Artikolu 92(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji bi 12,5. |

| Ringieli | |
|---|---|
| 0010 | **POŻIZZJONIJIET TOTALI**<br>Il-pożizzjonijiet kollha f’muniti mhux tar-rapportar u dawk il-pożizzjonijiet fil-munita tar-rapportar li jiġu kkunsidrati għall-finijiet tal-Artikolu 354 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju tal-kambju msemmi fl-Artikolu 92(3), il-punt (c)(i) ta’ dak ir-Regolament, filwaqt li jitqies l-Artikolu 352(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (għall-konverżjoni fil-munita tar-rapportar). |
| 0020 | **MUNITI KORRELATATI MILL-QRIB**<br>Pożizzjonijiet u r-rekwiżiti ta’ fondi proprji korrispondenti tagħhom għal muniti korrelatati mill-viċin kif imsemmi fl-Artikolu 354 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0025 | **Muniti korrelatati mill-viċin: *li minnhom*: munita tar-rapportar**<br>Pożizzjonijiet fil-munita tar-rapportar li jikkontribwixxu għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta’ kapital f’konformità mal-Artikolu 354 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0030 | **IL-MUNITI KOLLHA L-OĦRAJN (inklużi CIUs trattati bħala muniti differenti)**<br>Il-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta’ fondi proprji tagħhom għall-muniti soġġetti għall-proċedura ġenerali msemmija fl-Artikolu 351 u l-Artikolu 352(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Rapportar ta’ CIUs trattati bħala muniti separati f’konformità mal-Artikolu 353 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:<br>Hemm żewġ trattamenti differenti ta’ CIUs trattati bħala muniti separati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta’ kapital:<br>(a) il-metodu tad-deheb modifikat, meta d-direzzjoni tal-investiment tas-CIU mhijiex disponibbli (dawk is-CIU għandhom jiżdiedu ma’ pożizzjoni netta kumplessiva tar-riskju tal-kambju ta’ istituzzjoni);<br>(b) meta d-direzzjoni tal-investiment tas-CIU tkun disponibbli, dawk is-CIUs għandhom jiżdiedu mal-pożizzjoni miftuħa totali tal-kambju (twila jew qasira, skont id-direzzjoni tas-CIU).<br>Ir-rapportar ta’ dawk is-CIUs għandu jsegwi l-kalkolu tar-rekwiżiti ta’ kapital. |
| 0040 | **DEHEB**<br>Il-pożizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta’ fondi proprji tagħhom għall-muniti soġġetti għall-proċedura ġenerali msemmija fl-Artikolu 351 u l-Artikolu 352(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |

| | |
|---|---|
| 0050-0090 | **REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)**<br>L-Artikolu 352(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta għandhom ikunu rrapportati diżaggregati skont il-metodu użat għall-kalkolu tagħhom. |
| 0100-0120 | **Diżaggregazzjoni tal-pożizzjonijiet totali (il-munita ta' rapportar inkluża) skont it-tipi ta' skopertura**<br>Il-pożizzjonijiet totali għandhom ikunu diżaggregati f'derivattivi, assi u obbligazzjonijiet oħrajn, u entrati ma jidhrux fil-karta bilanċjali. |
| 0100 | **Assi u obbligazzjonijiet oħrajn minbarra entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u derivattivi**<br>Il-pożizzjonijiet mhux inklużi fir-ringiela 0110 jew 0120 għandhom jiġu inklużi hawn. |
| 0110 | **Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali**<br>Entrati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 352 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, irrispettivament mill-munita ta' denominazzjoni, li huma inklużi fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, minbarra dawk inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti. |
| 0120 | **Derivattivi**<br>Pożizzjonijiet ivvalutati f'konformità mal-Artikolu 352 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0130-0470 | **ENTRATI TA' MEMORANDUM: POŻIZZJONIJIET TAL-MUNITA**<br>L-entrati ta' memorandum tal-formola għandhom jimtlew b'mod separat għall-muniti kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni, GBP, USD, CHF, JPY, RUB, TRY, AUD, CAD, RSD, ALL, UAH, MKD, EGP, ARS, BRL, MXN, HKD, ICK, TWD, NZD, NOK, SGD, KRW, CNY u l-muniti kollha l-oħrajn.<br>Pożizzjonijiet fid-deheb u pożizzjonijiet f'CIUs ittrattati bħala munita separata f'konformità mal-Artikolu 353(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu inklużi fir-ringiela 0470. |

7. C 23.00 - RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦALL-KOMODITAJIET (MKR SA COM)

7.1. Kummenti Ġenerali

23. Din il-formola titlob informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet f'komoditajiet u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji trattati bl-Approċċ Standardizzat.

7.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | |
|---|---|
| 0010-0020 | **IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TWAL U QOSRA)**<br>Il-pożizzjonijiet grossi twal/qosra meqjusin bħala pożizzjonijiet fl-istess komodità f'konformità mal-Artikolu 357(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ara wkoll l-Artikolu 359(1) ta' dak ir-Regolament) |
| 0030-0040 | **POŻIZZJONIJIET NETTI (TWAL U QOSRA)**<br>Kif imsemmi fl-Artikolu 357(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0050 | **POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL**<br>Dawk il-pożizzjonijiet netti li, f'konformità mal-approċċi differenti meqjusa fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jirċievu allokazzjoni ta' kapital. |
| 0060 | **REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI**<br>Ir-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal kwalunkwe pożizzjoni rilevanti |
| 0070 | **SKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU**<br>L-Artikolu 92(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5 |

| Ringieli | |
|---|---|
| 0010 | **POŻIZZJONIJIET TOTALI F'KOMODITAJIET**<br>Il-pożizzjonijiet f'komoditajiet u r-rekwiżiti ta' fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju tas-suq ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 4 ta' dak ir-Regolament |
| 0020-0060 | **POŻIZZJONIJIET SKONT IL-KATEGORIJA TA' KOMODITÀ**<br>Għal skopijiet ta' rapportar, il-komoditajiet għandhom jinġabru fi gruppi fl-erba' gruppi ta' komoditajiet imsemmijin fl-Artikolu 361, it-Tabella 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0070 | **APPROĊĊ TAL-ISKALA TAL-MATURITÀ**<br>Il-pożizzjonijiet f'komoditajiet soġġetti għall-approċċ tal-iskala tal-maturità msemmi fl-Artikolu 359 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0080 | **APPROĊĊ ESTIŻ TAL-ISKALA TAL-MATURITÀ**<br>Il-pożizzjonijiet f'komoditajiet soġġetti għall-approċċ estiż tal-iskala tal-maturità msemmi fl-Artikolu 361 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0090 | **APPROĊĊ SIMPLIFIKAT**<br>Il-pożizzjonijiet f'komoditajiet soġġetti għall-approċċ simplifikat imsemmi fl-Artikolu 360 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0100-0140 | **REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦAL OPZJONIJIET (RISKJI MHUX DELTA)**<br>L-Artikolu 358(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-opzjonijiet relatati ma' riskji mhux delta għandhom jiġu rrapportati bil-metodu użat għall-kalkolu tagħhom. |

8. C 24.00 - MUDELL INTERN TAR-RISKJU TAS-SUQ (MKR IM)

8.1. Kummenti Ġenerali

24. Din il-formola tipprovdi diżaggregazzjoni taċ-ċifri tal-VaR u tal-VaR taħt stress (sVaR) skont ir-riskji differenti tas-suq (dejn, ekwità, FX, komoditajiet) u informazzjoni oħra relevanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

25. Ġeneralment, jiddependi fuq l-istruttura tal-mudell tad-ditti ta' investiment jekk iċ-ċifri għal riskju ġenerali u speċifiku jistgħux jiġu ddeterminati u rrapportati b'mod separat jew bħala total biss. L-istess jgħodd għad-dekompożizzjoni tal-VaR/VaR Taħt Stress fil-kategoriji ta' riskju (riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, riskju ta' ekwità, riskju tal-komoditajiet u riskju tal-kambju). Istituzzjoni tista' ma tirrapportax dawk id-dekompożizzjonijiet jekk tali istituzzjoni tagħti prova li r-rapportar ta' dawk iċ-ċifri jkun ta' piż żejjed bla bżonn.

8.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | |
|---|---|
| 0030-0040 | **Valur fir-Riskju (VaR, Value at Risk)**<br>VaR ifisser it-telf potenzjali massimu li jirriżulta minn bidla fil-prezz bi probabbiltà partikolari fuq perjodu ta' żmien speċifiku. |
| 0030 | **Fattur ta' multiplikazzjoni (mc) x Medja tal-VaR tas-60 jum tax-xogħol preċedenti (VaRavg, average Value at Risk)**<br>L-Artikolu 364(1), il-punt (a)(ii) u l-Artikolu 365(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0040 | **VaR tal-jum ta' qabel (VaRt-1)**<br>L-Artikolu 364(1), il-punt (a)(i) u l-Artikolu 365(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0050-0060 | **VaR taħt Stress**<br>VaR taħt Stress ifisser it-telf potenzjali massimu li jirriżulta minn bidla fil-prezz bi probabbiltà partikolari fuq perjodu ta' żmien speċifiku miksub billi jintuża input ikkalibrat għal data storika minn perjodu kontinwu ta' 12-il xahar ta' tensjoni finanzjarja relevanti għall-portafoll tal-istituzzjoni. |

| | |
|---|---|
| 0050 | **Fattur ta' multiplikazzjoni (ms) x Medja tas-60 jum tax-xogħol preċedenti (SVaRavg, average stress-Value at Risk)**<br>L-Artikolu 364(1), il-punt (b)(ii) u l-Artikolu 365(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0060 | **L-aħħar disponibbli (SVaRt-1)**<br>L-Artikolu 364(1), il-punt (b)(i) u l-Artikolu 365(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0070-0080 | **ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL FUQ RISKJI INKRIMENTALI TA' INADEMPJENZA U MIGRAZZJONI**<br>Allokazzjoni ta' kapital fuq riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni tfisser it-telf potenzjali massimu li jirriżulta minn bidla fil-prezz marbuta mar-riskji ta' inadempjenza u migrazzjoni kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 364(2), il-punt (b) flimkien mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0070 | **Kejl tal-medja ta' 12-il ġimgħa**<br>L-Artikolu 364(2), il-punt (b)(ii) flimkien mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0080 | **L-Aħħar Kejl**<br>L-Artikolu 364(2), il-punt (b)(i) flimkien mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0090-0110 | **ALLOKAZZJONI TA' KAPITAL GĦAR-RISKJI TAL-PREZZ GĦALL-PNK KOLLHA** |
| 0090 | **MINIMU**<br>L-Artikolu 364(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Tmienja fil-mija tal-allokazzjoni ta' kapital li tkun ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 338(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-pożizzjonijiet kollha fl-allokazzjoni ta' kapital "riskji kollha tal-prezz". |
| 0100-0110 | **KEJL TAL-MEDJA TA' 12-IL ĠIMGĦA U L-AĦĦAR KEJL**<br>L-Artikolu 364(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0110 | **L-AĦĦAR KEJL**<br>L-Artikolu 364(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0120 | **REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI**<br>Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 364 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-fatturi ta' riskju kollha filwaqt li jitqiesu l-effetti ta' korrelazzjoni, meta applikabbli, flimkien ma' riskju inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni u l-prezzijiet tar-riskji kollha għall-PNK iżda esklużi l-allokazzjonijiet ta' kapital tat-Titolizzazzjoni għal Titolizzazzjoni u derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 364(2) ta' dak ir-Regolament |
| 0130 | **SKOPERTURA TOTALI GĦAR-RISKJU**<br>L-Artikolu 92(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji bi 12,5 |
| 0140 | **Għadd ta' qbiż fil-valur (matul il-250 jum tax-xogħol preċedenti)**<br>Imsemmi fl-Artikolu 366 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Għandu jiġi rrapportat l-għadd ta' qbiż fil-valur li fuqu jiġi ddeterminat l-addend. Meta d-ditti ta' investiment jitħallew jeskludu ċertu qbiż tal-valur mill-kalkolu tal-addend f'konformità mal-Artikolu 500c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-għadd ta' qbiż tal-valur rapportat f'din il-kolonna għandu jkun nett minn dak il-qbiż tal-valur eskluż. |
| 0150-0160 | **Fattur ta' Multiplikazzjoni tal-VaR (mc) u l-Fattur ta' Multiplikazzjoni tas-SVaR (ms)**<br>Kif imsemmi fl-Artikolu 366 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Il-fatturi ta' multiplikazzjoni effettivament applikabbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhom ikunu rrapportati; Meta applikabbli, wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 500c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0170-0180 | **REKWIŻIT PREŻUNT GĦAL-LIMITU MINIMU TA' PNK - POŻIZZJONIJIET TWAL / QOSRA NETTI PONDERATI WARA L-LIMITU MASSIMU**<br>L-ammont rapportat u li jservi ta' bażi biex tiġi kkalkolata l-allokazzjoni ta' kapital minima għar-riskji tal-prezzijiet kollha f'konformità mal-Artikolu 364(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li titqies id-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 335 ta' dak ir-Regolament li tistipula li l-istituzzjoni tista' tillimita l-multiplikazzjoni tal-ponderazzjoni u l-pożizzjoni netta għat-telf massimu possibbli relatat mar-riskju ta' inadempjenza. |

| Ringieli | |
|---|---|
| 0010 | **POŻIZZJONIJIET TOTALI**<br>Tikkorrispondi għall-parti tar-riskju ta' pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet imsemmija fl-Artikolu 363(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 marbuta mal-fatturi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 367(2) ta' dak ir-Regolament.<br>Dwar il-kolonni 0030 sa 0060 (VAR u VAR Taħt Stress), iċ-ċifri fir-ringiela tat-total mhumiex daqs id-dekompożizzjoni taċ-ċifri għall-VaR/VaR Taħt Stress tal-komponenti ta' riskju relevanti. |
| 0020 | **STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJAT**<br>Tikkorrispondi għall-parti tar-riskju ta' pożizzjoni msemmi fl-Artikolu 363(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'rabta mal-fatturi ta' riskju għar-rati tal-imgħax imsemmija fl-Artikolu 367(2), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament. |
| 0030 | **TDI – RISKJU ĠENERALI**<br>Komponent ta' riskju ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 362 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0040 | **TDI – RISKJU SPEĊIFIKU**<br>Komponent ta' riskju speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 362 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0050 | **EKWITAJIET**<br>Tikkorrispondi għall-parti tar-riskju ta' pożizzjoni msemmi fl-Artikolu 363(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'rabta mal-fatturi ta' riskju ta' ekwità msemmija fl-Artikolu 367(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament. |
| 0060 | **EKWITAJIET – RISKJU ĠENERALI**<br>Komponent ta' riskju ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 362 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0070 | **EKWITAJIET – RISKJU SPEĊIFIKU**<br>Komponent ta' riskju speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 362 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0080 | **RISKJU TAL-KAMBJU**<br>L-Artikoli 363(1) u l-Artikolu 367(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0090 | **RISKJU TAL-KOMODITAJIET**<br>L-Artikolu 363(1) u l-Artikolu 367(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0100 | **AMMONT TOTALI GĦAR-RISKJU ĠENERALI**<br>Riskju tas-suq ikkaġunat minn ċaqliq fis-suq ġenerali ta' strumenti ta' dejn negozjat, ekwitajiet, kambju u komoditajiet. VaR għar-riskju ġenerali tal-fatturi kollha ta' riskju (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti ta' korrelazzjoni, meta applikabbli) |
| 0110 | **AMMONT TOTALI GĦAL RISKJU SPEĊIFIKU**<br>Komponent tar-riskju speċifiku ta' strumenti ta' dejn negozjat u ekwitajiet. VaR għar-riskju speċifiku ta' ekwitajiet u strumenti ta' dejn negozjat ta' portafoll tan-negozjar (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti ta' korrelazzjoni, meta applikabbli)" |